# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2017**

**Kawża Nru 8**

**Rik. Nru. 1201/05JRM**

Kevin **MICALLEF** u Alan Buġeja

vs

**DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Diċembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li l-Qorti (a) tħassar l-effetti tan-Nota ta' Qbid maħruġa kontrihom mid-Direttur intimat fit-12 ta' Novembru, 2005, u tordna li jkunu jistgħu jieħdu lura x-xorb alkoħoliku maqbud bis-saħħa tal-imsemmija Nota;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur intimat fis-7 ta' Marzu, 2006, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li n-Nota ta' Qbid inħareġ sewwa u kif trid il-liġi, għaliex ix-xorb li nqabad fuq il-bastiment tar-rikorrenti kien iddaħħal f'Malta bi

ksur tal-liġijiet tad-Dwana u bla ma tħallsu t-taxxi tal-importazzjoni dovuta fuqu;

Rat il-verbali li bihom il-kawża kienet qiegħda tistenna l-eżitu ta' proċeduri kriminali meħudin mill-Pulizija Eżekuttiva kontra r-rikorrenti minħabba l-episodju tad-dħul f'Malta tal-konsenja ta' xorb alkoħoliku mertu tan-Nota ta' Qbid;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2012[1], li bih ordnat li s-smigħ tal-kawża jitkompla ladarba l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti kienu ntemmu mill-Qorti tal-Ewwel Istanza;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-intimat;

Rat li, minkejja li r-rikorrenti ngħataw żmien kemm riedu biex iressqu l-provi, dan ma għamluhx;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimat (reġistrata u traskritta)[2];

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Frar, 2013, li bih tat lir-rikorrenti żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub. Minkejja l-imsemmi degriet, ir-rikorrenti baqgħu ma ressqu l-ebda sottomissjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal rilaxx ta' xorb alkoħoliku maqbud b'Nota ta' Qbid minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju dovut fuqu. Ir-rikorrenti jgħidu li x-xorb kienu xtrawh minn barra minn Malta u kienu ġarrewh fuq *yacht* li ġarrbet ħsarat hi u ġejja lejn Malta u b'hekk daħlet għall-kenn f'bajja bla ma laħaq ingħata avviż xieraq lill-awtoritajiet tal-Port u lil dawk tad-Dwana b'dak li kien ġara. Billi d-Dwana ħarġet Nota ta' Qbid u ikkonfiskat ix-xorb li nstab fuq il-*yacht*, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tordna lill-intimat jirrilaxxalhom l-istess xorb;

[1] Paġ. 36 tal-proċess
[2] Paġġ. 49 – 5- tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, d-Direttur intimat laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex mistħoqqa u ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex, ix-xorb inġab f'Malta bi ksur tal-liġijiet tad-Dwana u b'hekk in-Nota attakkata nħarġet sewwa u kif titlob il-liġi;

Illi, fil-qosor, il-fatti li jirrigwardaw il-kwestjoni u li joħorġu mill-atti juru li fl-10 ta' Novembru, 2005[3], ir-rikorrenti kienu fuq il-*yacht* bl-isem ta' "*Kapitan Nemo*" fi trieqthom minn Pozzallo, fi Sqallija, lejn Malta. Ir-rikorrent Micallef kien il-kaptan tal-opra tal-baħar. Ir-rikorrent Buġeja kien abbord miegħu. Ir-rikorrenti jgħidu li minn Pozzallo kienu xtraw xorb alkoħoliku ;

Illi l-*yacht* iddaħħlet fil-qala tal-Qawra u sorġiet 'il barra mix-xatt fuq l-ankri tagħha. Ir-rikorrenti jgħidu li dan kellu jsir minħabba li l-*yacht* inqalgħetilha l-ħsara u ma setgħetx tiddaħħal fil-Port il-Kbir, minħabba li huma kienu sejħu mekkanik biex jara x'għandha u seta' jiltaqa' magħhom f'San Pawl il-Baħar, u minħabba l-qawwa tal-baħar dak il-ħin. Ir-rikorrenti ma kinux avżaw lill-awtoritajiet tal-Port li kienu se jidħlu fil-qala ta' San Pawl il-Baħar;

Illi dakinhar li l-*yacht* daħal f'Malta u kien għadu fuq l-ankra, bir-rikorrenti għadhom abbord, telgħu fuqu xi fizzjali tad-Dwana u membri tal-korp tal-Pulizija[4]. Il-Pulizija żammew ukoll lil tlieta minn nies li kienu fuq ix-xatt u li kienu qegħdin jistennew lir-rikorrenti jinżlu l-art;

Illi wara li saret tfittxija fuq il-*yacht*, instab ix-xorb alkoħoliku stivat taħt il-gverta tal-*yacht*. Dak ix-xorb instab f'mitejn u sebgħa u ħamsin (257) kartuna u b'kollox instabu elf ħames mija u tnejn u sebgħin (1572) flixkun xorb ta' seba' għamliet u ditti differenti. B'kollox, fuq ix-xorb alkoħoliku li nstab kien hemm dazju fis-somma ta' sitt elef u wieħed u għoxrin Lira Maltin u sittin ċenteżmi (Lm 6,021.60)[5] u elfejn u sitta u disgħin Lira Maltin u sebgħa u tmenin ċenteżmi (Lm 2,096.87)[6] f'Taxxa dwar il-Valur Miżjud. Abbord, saret tfittxija wkoll għad-drogi, imma ma nstab xejn minn dan;

Illi l-Pulizija ordnaw lill-kaptan biex ibaħħar lejn il-Port il-Kbir u l-*yacht* refa' l-ankri u baħħar fuq is-saħħa tiegħu lejn il-Port il-Kbir[7]. Il-*yacht* baħħar taħt skorta ta' *patrol boat* tal-Forzi Armati li baqgħet dieħla miegħu sa ma trakka ma' moll (il-Moll tal-Kanuni) fil-Port il-Kbir;

---

[3] Fir-rikors, tissemma d-data tat-12 ta' Novembru, 2005, imma dan ma jaqbilx man-Nota ta' Qbid li ġġib id-data tal-10 ta' Novembru, 2005, u kull xhieda mressqa tindika din l-aħħar data.
[4] Xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa', f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[5] Li jġibu € 14,026.60 fi flus tal-lum
[6] Li jġibu € 4,884.40 fi flus tal-lum
[7] Xhieda ta' Patrick Attard f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess

Illi malli l-*yacht* trakka mal-moll, tniżżel minn fuqu x-xorb alkoħoliku li nstab abbord u nżamm mid-Dipartiment tad-Dwana u jumejn wara nħarġet in-Nota ta' Qbid[8];

Illi b'riżultat ta' dik is-sejba, tnedew proċeduri kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li ntemmu waqt li kienet qed tinstema' din il-kawża u li fiha r-rikorrenti nħelsu mill-akkużi miġjuba kontra tagħhom;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali li jeħtieġ li jsiru dwar il-każ li jinsab quddiem il-Qorti jirrigwardaw l-aktar is-siwi tan-Nota ta' Qbid. Dan l-istħarriġ jitlob li jinġabu raġunijiet tajbin biżżejjed biex iwasslu lill-Qorti tislef l-effetti li jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-istess Nota u għar-rilaxx tal-ħwejjeġ maqbudin bis-saħħa tagħha. Dan il-piż jaqa' fuq ir-rikorrenti. Madankollu, f'dan il-każ, minkejja li r-rikorrenti talbu li ma jintalbux joffru x-xhieda tagħhom sakemm il-proċeduri kriminali mnedijin kontrihom ikunu ntemmu, lanqas meta ntemmu tali proċeduri ma ressqu xhieda biex iseddqu dak li jallegaw fir-rikors promotur. Lanqas biss ħassew il-ħtieġa li jressqu sottomissjonijiet biex tal-anqas ifissru l-allegazzjonijiet tagħhom;

Illi din il-kawża (kif titlob il-liġi) inbdiet b'rikors mhux maħluf. Ir-rikorrenti ma seddqu qatt taħt ġurament dak li jallegaw fir-rikors. Il-Qorti hija marbuta li taqta' l-każ fuq dak li jitressaq quddiemha – kif jingħad, *juxta alligata **et** probata* – u għalhekk, l-allegazzjoni waħedha mhijiex prova u ma tgħoddx biex fuqha Qorti tista' tagħti l-ġudizzju tagħha. Ladarba l-parti li tallega jeħtieġ li tipprova dak li tallega[9], fin-nuqqas ta' prova, il-Qorti jkollha twarrab l-allegazzjoni fuq ir-regola li *actore non probante reus absolvit;*

Illi fil-każ li tressaq u mill-provi li nġabu, ħareġ li r-rikorrenti baħħru minn Sqallija fuq il-*yacht* tar-rikorrenti Micallef wara li kienu avżaw lill-awtoritajiet Maltin li kienu se' jbaħħru 'l barra mill-ibħra territorjali Maltin. Il-*yacht* jitqies bħala 'bastiment' għall-finijiet tal-liġi doganali. Fl-10 ta' Novembru, 2005, il-*yacht* reġa' daħal lura fl-ibħra interni Maltin imma ma ngħata l-ebda avviż mill-kaptan lill-awtoritajiet portwali Maltin hekk kif daħal mill-ġdid fl-ibħra territorjali[10]. Minbarra dan, il-*yacht* daħal f'qala li mhijiex waħda minn dawk li l-liġi tqis bħala port regolari ta' dħul[11], liema nuqqas minnu nnifsu jikkostitwixxi ksur tal-liġi[12];

Illi fuq il-bastiment instab xorb alkoħoliku li nxtara minn barra u li fuqu kellu jitħallas id-dazju u titħallas it-taxxa. Sa ma l-fizzjali tad-Dwana telgħu fuq il-

---

[8] Dok "A", f'paġġ. 8 – 9 tal-proċess
[9] Art. 562 tal-Kap 12
[10] Art. 6(1) tal-Kap 37
[11] Ara Regg. 2(1) u 39(1) u Skeda I tan-N.G. 486/1957 (L.S. 37.05) kif emendata maż-żmien
[12] Art. 3(1) tal-Kap 37

*yacht*, ħadd mir-rikorrenti ma kien għadu għamel dikjarazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-fatt li kien hemm xorb alkoħoliku dazjabbli abbord. Ir-rikorrenti ma ħbewx il-fatt li kienu jafu li abbord kellhom ix-xorb dazjabbli li nstab mill-fizzjali tad-Dwana u mill-Pulizija. Il-kartuniet li kellhom fihom ix-xorb dazjabbli nstabu moħbijin taħt il-gverta tal-*yacht*[13];

Illi dawn iċ-ċirkostanzi, miġburin flimkien, iġibu l-effett li ħwejjeġ dazjabbli misjuba mill-awtoritajiet doganali għandhom ikunu konfiskati[14]. In-Nota ta' Qbid mertu tal-każ hija x-xhieda uffiċjali tal-eżerċizzju tal-konfiska min-naħa tad-Direttur intimat. Fil-fehma tal-Qorti, il-provi mressqa mid-Direttur intimat (u liema provi r-rikorrenti bl-ebda mod ma ippruvaw imieru) jixhdu wkoll li ma ntweriex li n-Nota ta' Qbid inħarġet b'mod arbitrarju jew mhux skond il-liġi. Minħabba f'hekk, ma ngħatat lill-Qorti l-ebda raġuni biex tordna t-tħassir tagħha u wisq anqas biex tordna r-rilaxx tax-xorb li nstab abbord tal-*yacht* favur ir-rikorrenti jew min minnhom;

Illi għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti mhijiex mistħoqqa u mhix se tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**23 ta' Ottubru, 2017**

**Victor Deguara**
**Deputat Reġistratur**

**23 ta' Ottubru, 2017**

---

[13] Art. 60(ħ) tal-Kap 37
[14] Art. 17 tal-Kap 37